II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1272

tal-4 ta' Ġunju 2020

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2019/979 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju ta' prospett, il-pubblikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-prospetti, ir-reklami għal titoli, is-supplimenti għal prospett, u l-portal ta' notifika

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 7(13), 21(13) u 23(7) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/979 ([2]), l-emittenti tat-titoli konvertibbli jew skambjabbli f'ishma ta' parti terza huma attwalment meħtieġa, fis-sitwazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament, li jippubblikaw suppliment għall-prospett tagħhom. Min-naħa l-oħra, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2014 ([3]), li ġie sostitwit bir-Regolament Delegat (UE) 2019/979, ma kienx jeħtieġ il-pubblikazzjoni ta' suppliment minn tali emittenti f'dawk is-sitwazzjonijiet. Peress li dawk ir-regoli wrew li jaħdmu tajjeb u ma affettwawx il-livell ta' protezzjoni tal-investituri, ir-referenzi kollha għal emittenti ta' titoli konvertibbli jew skambjabbli f'ishma ta' parti terza għandhom jitneħħew mil-lista fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/979.

(2) Sabiex l-investituri jingħataw ħarsa ġenerali komparattiva tal-evoluzzjoni tad-dikjarazzjoni tal-fluss tal-flus ta' entità mhux finanzjarja li toħroġ titoli ta' ekwità, il-kolonna relatata mal-informazzjoni dwar il-flussi ta' flus għas-sentejn ta' qabel is-sena tal-prospett għandha tiddaħħal fit-tabella 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/979.

(3) L-attribut 26 tal-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2019/979, li jirrigwarda r-riċevuti depożitorji, jirreferi għal "DRCP". Madankollu, jenħtieġ li dak il-qasam jirreferi għal "DPRT", li hija r-referenza użata fis-Sistema ta' Data ta' Referenza tal-Istrumenti Finanzjarji (FIRDS) operata mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

([1]) ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/979 tal-14 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju ta' prospett, il-pubblikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-prospetti, ir-reklami għal titoli, is-supplimenti għal prospett, u l-portal ta' notifika, u li jħassar ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2014 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/301 (ĠU L 166, 21.6.2019, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2014 tas-7 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-pubblikazzjoni ta' supplimenti għall-prospetti (ĠU L 111, 15.4.2014, p. 36).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

(4) Ir-Regolament ta' Delega (UE) 2019/979 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan.

(5) Fil-verżjonijiet tal-lingwa Ċeka, Ingliża, Portugiża u Slovakka tal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/979, tħalliet barra kelma, u d-dispożizzjoni ġiet diffiċli biex tinftiehem. Dik id-dispożizzjoni għandha tiġi kkoreġuta kif xieraq.

(6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomessi mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) lill-Kummissjoni.

(7) Fl-interess taċ-ċertezza legali, is-sommarji tal-prospetti approvati bejn il-21 ta' Lulju 2019 u s-16 ta' Settembru 2020 għandhom jibqgħu validi sa tmiem il-validità ta' dawk il-prospetti.

(8) Ir-Regolament (UE) 2017/1129 u r-Regolament Delegat (UE) 2019/979 daħlu fis-seħħ fl-21 ta' Lulju 2019. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u biex ikun żgurat il-funzjonament korrett tal-portal ta' notifika tal-prospett, l-Artikolu 1, il-punti (1), (3) u (4), u l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament Delegat għandu jkollhom l-istess data ta' applikazzjoni bħar-Regolament (UE) 2017/1129 u r-Regolament Delegat (UE) 2019/979.

(9) Minħabba l-urġenza ta' din il-kwistjoni u l-ambitu u l-impatt limitati tal-abbozz tal-istandards regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, l-ESMA la wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa, u lanqas analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati. L-ESMA talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2019/979

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/979 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 18(1) huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), il-punti (i) u (ii) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(i) emittent fejn prospett ikun relatat ma' ishma jew titoli trasferibbli oħra ekwivalenti għal ishma;

(ii) emittent tal-ishma sottostanti jew titoli trasferibbli oħrajn ekwivalenti għal ishma fil-każ tat-titoli msemmija fl-Artikoli 19(2), jew 20(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980;";

(b) fil-punt (d), il-punti (i) u (ii) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(i) emittent fejn prospett ikun relatat ma' ishma jew titoli trasferibbli oħra ekwivalenti għal ishma;

(ii) emittent tal-ishma sottostanti jew titoli trasferibbli oħrajn ekwivalenti għal ishma fil-każ li prospett huwa relatat ma' titoli msemmija fl-Artikoli 19(2), jew 20(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980;";

(c) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) partijiet terzi jagħmlu offerta ġdida ta' akkwist kif definita fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jew ir-riżultat ta' kwalunkwe offerta ta' akkwist jsir disponibbli fir-rigward ta' kwalunkwe tip ta' titoli li ġejjin:

(i) l-ekwità tal-emittent meta prospett ikun relatat ma' ishma jew titoli trasferibbli oħra ekwivalenti għal ishma;

(ii) l-ekwità tal-emittent tal-ishma sottostanti jew titoli trasferibbli oħrajn ekwivalenti għal ishma fil-każ li prospett huwa relatat ma' titoli msemmija fl-Artikoli 19(2), jew 20(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980;

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(iii) l-ekwità tal-emittent tal-ishma sottostanti ta' riċevuti depożitarji meta prospett jitfassal skont l-Artikoli 6 u 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980;

_____

(*) id-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 12)";

(d) fil-punt (f), il-punti (i) u (ii) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(i) ishma jew titoli trasferibbli oħrajn ekwivalenti għal ishma;

(ii) titoli kif imsemmija fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980;";

(e) il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) fil-każ ta' prospett dwar titoli ta' ekwità jew titoli trasferibbli oħra ekwivalenti għal ishma; jew titoli msemmija fl-Artikoli 19(2) jew 20(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980; x'aktarx li impenn finanzjarju ġdid sinifikanti jaqħti lok għal bidla grossa sinifikanti kif definit fl-Artikolu 1, punt (e), ta dak ir-Regolament Delegat;";

(2) għandu jiddaħħal l-Artikolu 22a li ġej:

"*Artikolu 22a*

Sommarji ta' prospetti approvati bejn il-21 ta' Lulju 2019 u s-16 ta' Settembru 2020 għal entitajiet mhux finanzjarji li joħorġu titoli ta' ekwità

Sommarji ta' prospetti li fihom informazzjoni kif imsemmija fit-Tabella 3 tal-Anness I u li ġew approvati bejn il-21 ta' Lulju 2019 u s-16 ta' Settembru 2020 għandhom jibqgħu validi sa tmiem il-validità ta' dawk il-prospetti.";

(3) L-Anness I huwa emendat skont l-Anness 1 għal dan ir-Regolament;

(4) L-Annes VII huwa emendat skont l-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2019/979

L-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/979 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'*Artikolu 21*

Tniżżil ta' dokumenti u ta' data li takkumpanjahom

L-ESMA għandha tiżgura li l-portal ta' notifika jagħmel id-dokumenti mtellgħin u d-*data* li takkumpanjahom disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti relevanti.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, l-Artikolu 1, il-punti (1), (3) u (4) u l-Artikolu 2 għandhom japplikaw mill-21 ta' Lulju 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS 1

Fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/979, it-Tabella 3 hija mibdula b'dan li ġej:

"Tabella 3

Rapport tal-flussi tal-flus għal entitajiet mhux finanzjarji (titoli ta' ekwità)

	Sena	**Sena -1**	**Sena -2**	**Interim**	**Tqabbil interim mal-istess perjodu fis-sena preċedenti**
***Flussi ta' flus netti relevanti minn attivitajiet operatorji u/jew flussi ta' flus minn attivitajiet ta' investiment u/jew flus minn attivitajiet ta' finanzjament**"					

ANNESS 2

F'Tabella 1 tal-Anness VII, fil-kolonna "Format u Standard li għandu jintuża għar-rapportar", fl-entrata 26, "DRPC" hija mibdula b' "DPRS".